MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 357/2004

Kawza fil-lista: 49

**A B**
**vs**
**Avukat Dottor Richard Sladden u il-Prokuratur Legali Victor Bugeja nominati kuraturi deputati b' digriet tal-24 ta' Settembru 2004 biex jirrapprezentaw lill-assenti C D E**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi l-kontendenti kkuntrattaw zwieg bejniethom, gewwa r-Registru taz-Zwieg fil-31 ta' Ottubru 1999, u dan skond ma jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg relattiv illi qed jigi anness, esibit u mmarkat bhala Dok. "A".

Peress illi minn dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda tfal.

Peress illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment u l-hajja matrimonjali ta' bejniethom saret impossibli u dan minhabba sevizzi, ingurji gravi, mohqrija u abbandun da parti tal-konvenuta, u in oltre minhabba inkompatibilita' serja ta' karattru bejn il-partijiet.

Peress illi effettivament il-konvenuta abbandunat id-dar matrimonjali u telqet lejn ir-Russja f'Mejju tas-sena 2004, b'dan illi matul dawn ix-xhur kollha hija ma ghamlet l-ebda tip ta' kuntatt ma' l-attur, tant illi permezz ta' digriet datat 24 ta' Settembru 2004, illi kopja tieghu qed tigi annessa, esibita u mmarkata bhala Dok. “B”, gew appuntati kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-istess konvenuta ghall-finijiet kollha tal-Ligi.

Peress illi qabel ma gie ccelebrat iz-zwieg fuq imsemmi, l-kontendenti immodifikaw il-kommunjoni ta' l-akkwisti li kellha tigi stabbilita bejniethom, u dan permezz ta' kuntratt datat 8 ta' Ottubru tas-sena 1999, fl-atti tan-Nutar Dottor Charles Vella Zarb, illi kopja tieghu qed tigi annessa, esibita u mmarkata bhala Dok. “C”.

Peress illi effettivament matul iz-zwieg il-partijiet ma akkwistaw l-ebda proprjeta', mobbli u/jew immobli, flimkien, b'dan illi ghaldaqstant ai termini tad-disposizzjonijiet relattivi ta' l-imsemmi kuntratt, ma tezisti l-ebda kommunjoni ta' l-akkwisti bejniethom, stante illi kwalunkwe propjeta' li hemm tappartjeni unikament u esklussivament lill-partijiet rispettivi.

Peress illi l-attur gie awtorizzat jipprocedi b'din l-istanza permezz ta' Digriet moghti mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fit-3 ta' Settembru 2004, illi kopja tieghu qed tigi annessa, esibita u mmarkata bhala Dok. “D”.

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex m'ghandiex dina l-Qorti:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet fuq premessi u imputabbli lill-konvenuta.

2. Tiddikjara li l-konvenuta iddekadiet mid-dritt taghha li titlob manteniment minghand l-attur u tapplika kontra l-istes konvenuta d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta (Kap. 16).

3. Tordna li f'kaz illi l-konvenuta tirritorna lura Malta hija ma jkollha l-ebda jedd illi tidhol u/jew tabita fid-dar matrimonjali, li tinsab gewwa 34A, Triq Philip Skippon, Birguma, Naxxar, u li tappartjeni unikament u esklussivament lill-attur.

4. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv u l-kuraturi deputati gia' nominati, sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja.

5. Tordna li ssir l-annotazzjoni relattiva tas-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew illi m'humiex edotti mill-fatti tal-kaz, u rriservaw li jipprovdu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri meta jikkomunikaw ma' l-assenti konvenuta;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-affidavits prezentati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob is-separazzjoni personali minn mal-konvenuta, kif ukoll

talbiet konsegwenzjali, u dan in bazi ghal dak li hemm kontemplat fl-Artikoli 40 u 41 tal-Kap.16

Mill-provi rrizulta nkontestat li l-kontendenti zzewwgu fil-31 ta’ Ottubru 1991 u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal. Inizjalment il-konvenuta bdiet taghmel hafna hin barra mid-dar, u ftit kien hemm komunikazzjoni bejnha u bejn zewgha l-attur. Sussegwentement din bdiet tiffissa fir-religjoni taghha u kienet waslet fl-estremita’ li taghmel kwazi l-gurnata kollha titlob. Dan il-fatt, apparti milli kellu effett negattiv fuq il-hajja lavorativa taghha, effetwa ukoll b’ mod negattiv, jew ahjar dizastruz, ir-relazzjoni taghha ma’ l-attur sa tal-punt li minhabba f’ hekk dawn il-konjugi ghamlu sena shiha ma jkollhom x’ jaqsmu flimkien qabel ma l-konvenuta telqet hesrem lejn ir-Russja u sallum l-attur m’ ghandux hjiel fejn tirrissjedi.

Mill-kwadru premess jirrizulta car li l-komportament tal-konvenuta matul dan iz-zwieg kien jikkostitwixxi mohqrija fil-konfront ta’ l-attur, kemm minhabba nuqqas ta’ mhabba jew affezzjoni da parti taghha fil-konfront tieghu li wasslet sal-livell ta’ indifferenza da parti taghha tal-konvenuta, kif ukoll cahda ghal zmien twil mid-drittijiet konjugali ta’ l-attur, fosthom u b’ mod l-aktar kospikwu, id-dritt ghall-att konjugali. Anke l-abbandun hesrem tal-konvenuta, ghalkemm ma lahaqx ghadda l-perijodu ta’ sentejn kontemplat fl-Artikolu 41, ghandu karattru ingurjuz fil-konfront ta’ l-attur u jikkostitwixxi fih innifsu mohqrija fit-termini ta’ l-Artikolu 40.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici u

[1] tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, u dan ghar-ragunijiet imputabbli esklussivament lill-konvenuta;

[2] tapplika fil-konfront tal-konvenuta d-dispost ta’ l-Artikolu 48 fl-intier tieghu, inkluza d-dekadenza tad-dritt tal-konvenuta li titlob manteniment minghand l-attur;

[3] tordna li b' effett immedjat l-attur jirrisjedi fid-dar matrimonjali li tinsab gewwa numru 34A Philip Skippon Birguma Naxxar ad eskluzjoni tal-konvenuta, anke jekk din tirritorna lura Malta;

[4] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' talba stante li mhux mehtieg dak mitlub mill-attur;

[5] tordna li ssir l-annotazzjoni relattiva ta' din is-sentenza fir-Registru Pubbliku;

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenuta, izda dawk relattivi ghal kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------